# IT-TIENI PARTI

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

---

7 ta' Jannar, 1953

Imħallef:

L-Onor Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Giuseppe Camilleri et. *versus* Giuseppe Sammut et.**

**Azzjoni — Interess.**

*L-interess huwa l-miżura ta' l-azzjoni.*

*Dan l-interess għandu karattru personali, jiġifieri illi l-vjolazzjonijiet biss għad-drittijiet li jappartjenu lill-attur jawtorizzawh li jeżerċita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x'ikun, morali jew pekunjarju, irid ikun dejjem ġuridiku, jiġifieri korrispondenti għal-leżjoni tal-veru dritt; u jrid ikun dirett, jew derivanti minn kawża korrelativa għall-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun leġittimu u attwali.*

*Ir-rekwiżit ta' l-interess hu indispensabili għall-proponibilità ta' domandi fi kwalunkwe sedi kontenzjuża; huwa l-bażi ta' l-azzjoni; u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess.*

*Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li ppremettew illi b'kuntratt għand in-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tat-12 ta' Jannar 1948 (dok. A) il-konvenuti aħwa Sammut akkwistaw minn għand l-imsemmi Paolo Calleja s-subutili dominju temporaneu għaż-żmien li baqa' ta' 135 sena ċirka tas-sit fabbrikabili li jinsab il-Marsa, Zimelli Lane, tal-kejl superfiċjali ta' 60 qasba kwadra b'ħames qasab faċċata fuq Zimelli Lane, li jmiss mill-lvant ma' Zimelli Lane, punent u tramuntana ma' beni ta'

Dr. Pace, u nofs in-nhar in parti mal-beni ta' Calleja, venditur, u in parti ma' beni ta' Dr. Pace, bħala suġġett għaċċens annwu ta' £3. 10. 0. bid-drittijiet u pertinenzi kollha; dana l-bejgħ sar bil-prezz apparenti ta' £229. 15. 0 li l-venditur iddikjara li rċieva qabel dan l-att minn għand il-konvenuti Sammut; u illi huma kienu rkupraw l-imsemmija art b'ċedola tas-26 ta' Gunju 1948, u l-konvenuti Sammut fil-15 ta' Settembru 1948 kienu rrivendewlhom l-art fuq imsemmija u żbankaw il-prezz fuq indikat flimkien ma' l-imgħax legali; u illi huma in segwitu saru jafu li l-veru prezz li kienu ħallsu l-konvenuti Sammut lill-konvenut Calleja kien ta' £100 biss, u dana l-prezz ta' £239. 15. 0 kien evidentement ġie hekk dikjarat biex huma jiġu skoraġġiti milli jeżerċitaw id-dritt tal-preferenza li kellhom fuq il-fond mibjugħ; u illi b'dana l-mod huma ħallsu erroneament u mingħajr kawża lill-konvenuti Sammut is-somma ta' £129. 15. 0 in eċċess tal-prezz minħabba s-simulazzjoni operata minnhom fuq l-att tal-bejgħ fuq riferit; talbu illi, previ d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, u previa, jekk ikun hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-prezz realment imħallas kien ta' £100, u mhux dak riżultanti mill-kuntratt, il-konvenuti Sammut ikunu kundannati jħallsu u jirrestitwulhom is-somma ta' £129. 15. 0 flimkien ma' l-imgħax legali mid-data tad-depożitu, li l-konvenuti Sammut irċevew in eċċess tal-prezz reali lilhom spettanti in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond fuq riferit. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti aħwa Sammut, li biha jeċċepixxu illi l-atturi ma għandhom ebda interess li jagħmlu din il-kawża, għaliex huma qatt ma rkupraw il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, iżda l-irkupru kien sar minn ħadd ieħor fuq isimhom; illi l-irkupru sar minn disa' persuni, mentri l-azzjoni odjerna qiegħda tiġi eżerċitata minn sebgħa biss; illi fil-fatt huma ħallsu l-ammont li jidher fuq il-kuntratt; illi, fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tinsab kolpita mill-preskrizzjoni ta' sentejn. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paolo Calleja, li biha jesponi illi hu, kif jirriżulta mill-istess att taċ-ċitazzjoni, ma għandux interess f'din il-kawża; illi fiċ-ċitazzjoni ma hemm ebda talba li hu *jiġi kundannat jew għas-sorti jew għall-ispejjeż*; u għalhekk hu għandu jiġi liberat "ab observantia";

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' *Ottubru 1951, li minnu* jidher illi l-konvenuti aħwa Sammut irrinunzjaw għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġa minnhom sollevata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi, il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tat-12 ta' Jannar 1948, il-konvenuti aħwa Sammut akkwistaw minn għand il-*konvenut* Calleja l-fondi msemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni, bil-prezz, kif jidher f'dak il-kuntratt, ta' £229. 15. 0, li kellu jikkomprendi wkoll kwalunkwe ħlas ta' appoġġ li x-xerrejja kellhom jagħmlu *mal-bini* tal-venditur u ta' kostituzzjoni ta' serviżù kif indikati fl-istess att. Biċ-ċedola tas-7 ta' Gunju 1948 Gio Batta Agius irkupra l-istess fondi mill-poter tal-konvenuti aħwa Sammut, li fit-18 ta' dak ix-xahar għamlu favur Agius *ir-relativa rivendizzjoni* ta' dawk il-fondi. B'ċedola oħra tas-26 ta' Gunju 1948, Carmelo Camilleri, missier l-attur Giuseppe Camilleri, l-atturi l-oħra, u Joseph Darmanin u Giuseppe Attard, irkupraw l-istess fondi mill-poter tal-konvenuti aħwa Sammut u ta' Gio Batta Agius; u fil-15 ta' Settembru 1948 saret favur ir-retraenti r-relativa rivendizzjoni. Is-somma depożitata b'dik iċ-ċedola ta' rkupru, li kienet ukoll ta' *depożitu kontestwali*, għal dak li jirrigwarda l-prezz, kienet dik ta' £229. 15. 0, kif kienet tidher indikata fil-kuntratt ġa msemmi;

In segwitu għar-rivendizzjoni, il-konvenuti aħwa Sammut azzjonaw lir-retraenti biex dawn iħallsuhom ta' xi benefikati li huma kienu laħqu għamlu fil-fond irkuprat fiż-żmien bejn ix-xiri tagħhom minnhom u dak tar-rivendizzjoni, u l-istess konvenuti ġew imħallsin skond kif ġie likwidat fil-ġu-

dizzju relativ. Aktar tard l-atturi ġew b'din il-kawża, billi huma jippretendu illi l-veru prezz tal-bejgħ fuq imsemmi kien ta' £100 biss, u mhux dak ta' £229. 15. 0 kif ġie indikat fil-kuntratt tal-bejgħ; u għalhekk qegħdin jitolbu minn għand il-konvenuti aħwa Sammut ir-restituzzjoni tad-differenza bejn dawk iż-żewġ ammonti, jiġifieri s-somma ta' £129. 15. 0;

Illi ġie ppruvat illi l-prezz tal-bejgħ ma kienx dak ta' £229. 15. 0, kif apparentement jirriżulta mill-kuntratt fuq imsemmi, imma ammont ieħor, jiġifieri skond il-konvenut Paolo Calleja il-prezz kien dak ta' £100, mentri skond il-konvenut Gerardo Sammut l-istess prezz kien dak ta' £129. 15. 0. Imma, qabel ma jiġi riżolut dan il-pont, hemm bżonn tiġi deċiża l-eċċezzjoni mogħtija fl-ewwel lok mill-konvenuti aħwa Sammut, dik jiġifieri tan-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-atturi f'din il-kawża;

Ikkunsidrat dwar din l-eċċezzjoni;

Illi jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili illi l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni. In-nozzjoni ta' l-interess, għal dak li jirrigwarda l-attur, hija dik "della utilità finale soggettiva della domanda giudiziale sul tema della asserita esistenza e violazione di un diritto" (Mortara, Manuale della Procedura Civile, Vol. I, p. 37). Dan l-interess għandu karattru personali, jiġifieri l-vjolazzjonijiet biss għad-drittijiet li jappartjenu lill-attur jawtorizzawh illi jeżerċita l-azzjoni. L-interess, ikun x'ikun, morali jew astratt, jew pekunjarju, irid ikun dejjem ġuridiku, jiġifieri korrispondenti għal-leżjoni ta' veru dritt; irid ikun dirett, jew derivanti minn kawża korrelativa għall-persuna li taġixxi, kif ukoll leġittimu u attwali;

Dawn il-prinċipji ġew b'mod paċifiku u kostanti applikati fil-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna. U tabilħaqq, ġie ritenut illi, biex wieħed jipproponi 'alba f'ġudizzju, hu neċessarju illi jkollu interess li jagħmel hekk; liema interess għandu jkun dirett, leġittimu u attwali (Vol. XXXI—II—91), u għandu jissussisti di fronti għall-konvenut li hu magħżul bħala leġittimu kontradittur tad-domanda (Vol. XXVII—III—15; XXXII—I—540);

Ir-rekwiżit ta' l-interess hu indispensabili għall-proponibilità ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kon-

tenzjuża (Vol. XXVII—I—507). L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX—I—891). U ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX—I—317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu interess jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled, u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII—I—108). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema interess irid ikun konkret (Vol. XXVIII —II—317; XXXII—II—257):

Illi, meta jiġu applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jidher ċar illi ħadd mill-atturi ma għandu interess ġuridiku f'dina l-kawża. Ma għandhomx interess l-atturi Antonio Bilocca, Giuseppe Attard, Riccardo Seguna, Angelo Cini, Giovanni Farrugia, u Consiglio Felice; infatti mill-kumpless tax-xhieda tagħhom stess jirriżulta illi dina l-kawża saret minn Giuseppe Camilleri f'ismu u f'isimhom bla ma huma, fil-biċċa l-kbira, ma kienu jafu biha minn qabel; u mill-flus reklamati fiċ-ċitazzjoni ħadd minnhom ma sejjer jieħu xejn, għax ma għandhom jieħdu xejn, f'każ ta' eżitu favorevoli. Lanqas ma jidher illi għandu interess l-attur Giuseppe Camilleri; dan qiegħed jirrappreżenta l-wirt ta' missieru Carmelo; jekk is-somma rappreżentanti l-prezz tal-bejgħ kien ħariġha Carmelo Camilleri, l-attur Giuseppe Camilleri għandu interess ġuridiku f'dina l-kawża; imma hu stess, l-attur, xeħed illi ma jafx jekk dik is-somma kienx ħariġha missieru. L-atturi Riccardo Seguna, Consiglio Felice u Giovanni Farrugia, xehdu illi dawk il-flus ħarġithom Margherita Muscat, mentri l-atturi Angelo Cini u Antonio Bilocca xehdu illi kien Carmelo Camilleri li ħareġ dawk il-flus. Apparti d-dubju, li għandu jmur favur il-konvenuti, dina l-Qorti hija tal-fehma illi dawk il-flus inħarġu minn Muscat, u mhux minn Carmelo Camilleri. Verament Margherita Muscat ċaħdet, fix-xhie-

da tagħha, illi hija ħarġet dawk il-flus, imma ċ-ċirkustanzi tal-każ jinduċu l-kuntrarju. Hija stess tammetti..............;

Illi, kuntrarjament għal dak li ssottomettew l-atturi, bl-eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti Sammut mhumiex qegħdin jimpunjaw l-irkupru eżerċitat minnhom, imma qegħdin biss jallegaw illi l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku f'dina l-kawża; u apparti min kien li uża l-malizzja bi skapitu ta' l-ieħor, kif jesprimi ruħu l-Mortara (ibid. p. 40), il-prinċipju "neque malitiis indulgendum est" irid jiġi interpretat fil-konfini legali, "dappoichè non è qualunque danno che ci venga dal fatto di altri che possa dar luogo all'azione, ma solo quel danno che offende il nostro diritto". U, kif ġie osservat aktar 'il fuq, l-atturi ma ġew offiżi fl-ebda dritt tagħhom, billi huma ma ħarġu ebda flus minn dawk li tagħhom huma qegħdin jippretendu r-restituzzjoni minn għand il-konvenuti Sammut;

Illi hu ċar illi l-konvenut Paolo Calleja lanqas ma għandu interess f'din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

*Tillibera* l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-atturi.